# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 293/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Aidon Persico**

Seduta tal-14 ta' Lulju, 2022

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Aidon Persico detentur tal-karta tal-identita' numru 423899M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-25 ta' Jannar 2019 għall-ħabta ta' 23.10hrs fi Triq il-Barrani, Żejtun

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni
2. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż
3. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont

4. Waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur , u l-vettura kienet miexja , kellu persuna tinżel, titla' jew tiddendel jew iġġib ruħha b'mod li jista' jikkawża perikolu jew biża lilha nfisha jew lil ħaddieħor.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 t'Ottubru, 2019 li biha lliberat lill-imputat mir-raba' (4) imputazzjoni, sabitu ħati tal-bqija u kkundannatu ghall hlas ta' multa komplessiva ta' elf Ewro (€1,000). Inoltre ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tieghu għal żmien sitt (6) xhur minn nofs il-lejl u ai termini tal-Artikolu 78 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, ordnatlu sabiex immedjatament jgħaddi l-liċenzja tas-sewqan lill-Awtorita' għat-trasport f'Malta. Ai termini tal-Art. 36B u s-Sitt Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti imponiet penali ta' sitt (6) punti fuq il-liċenzja tas-sewqan tal-imputat liema punti għandhom jitnizzlu fid-database komputerizzata mill-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Aidon Persico introdott fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 t'Ottubru, 2019 li bih l-appellant talab lill-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** in kwantu ma sabitux ħati tar-raba' imputazzjoni; **tħassarha** in kwantu sabitu ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni; u fl-eventwalita' li tikkonferma l-ħtija, **tvarja** l-piena mposta għal waħda iktar ekwa u ġusta għal każ odjern;

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif ordnata mill-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li waqt li pulizija li dak il-hin kien fil-vettura privata tieghu qed jistenna fuq id-dawl ahmar tat-*Traffic Lights*, resqet vettura ohra magenbu u bdiet tavvicina ftit ftit sakemm meta qalbu ghall-fuq l-ahdar harget b'qawwa u fil-kisra bdiet tixxengel minn naha ghall-ohra bir-roti jghaqqdu tant li kellu jieqaf f'daqqa fin-nofs biex ma tidholx fih il-vettura l-ohra. Il-vettura waqfet fuq it-*Traffic Lights* li kien imiss madwar 20 metru 'l quddiem meta s-sewwieq beda jwerzaw it-tyres bil-vettura tiskiddja. Peress li kien bil-vettura personali tieghu l-ufficcjal ghazel li ma jwaqqafx lis-sewwieq u avza minnufih l-ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun;

2. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jillanja s-sejbien ta' htija tieghu bhala wiehed skorrett stante li l-post li fih hu allegat li kkommetta dawn ir-reati huwa differenti minn dak indikat fic-citazzjoni. Jargumenta l-appellant illi ghalkemm kien imputat b'fatti li sehhew fi Triq tal-Barrani, Zejtun, l-provi juru mod iehor u b'hekk mhux sodisfatt ir-rekwizit ravvizat fl-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali dwar dak li ghandha ssemmi citazzjoni;

3. Ezaminati l-atti processwali, jemergi illi l-appellant kien imputat b'fatti li allegatament sehhew fi Triq tal-Barrani, Zejtun.

Fl-affidavit tieghu, l-ufficcjal tal-Pulizija msemmi aktar 'l fuq li kien xhud okulari jghid hekk: "*Nhar il-25/01/2019 ghall-habta tal-23:10hrs kont qieghed nistenna fuq il-lights li jaghtu minn Triq HalTarxien, Gudja ghall-Triq il-Barrani, Zejtun, fejn wieqaf hdejja kien hemm vettura .... Hekk kif il-lights qalbu ahdar, din il-vettura harget b'sahha qawwija u fil-kisra din il-vettura bdiet tixxengel minn naha ghall-ohra… Ta' min jinnota li din il-vettura baqghet tizgidja minn wara sakemm waqfet fuq il-lights li hemm hdejn in-nicca tal-Madonna, direzzjoni ghaz-Zejtun, jigifieri madwar 20 metru …*";

4. Illi PC104 K Cefai xehed per via ta' affidavit dwar il-lok tal-incident u jghid hekk: "*Nhar il-25/01/2019 ghall-habta tal-23:15 hrs dan id-divizjon gie infurmat minn PC1405 D. Gerada li gewwa Triq Hal Tarxien, Gudja kien hemm vettura …..*". Inoltre fil-Current Incident Report a fol 14 hemm indikat li l-incident sehh fi Triq Hal Tarxien, Gudja, vicin tat-traffic lights tal-bypass. Dan l-argument kien gia sollevat quddiem l-ewwel Qorti li ddecidiet hekk: "*Ikkunsidrat illi kif gie deskritt il-lok tal-incident mill-PC1405 Gerada jirrizulta car illi fil-mument li l-vettura harget b'sahha qawwija minn fuq il-*lights *li jaghtu minn Triq Hal-Tarxien, Gudja ghal Triq il-Barrani, Zejtun, il-vettura kienet diga necessarjament fi Triq il-Barrani, Zejtun u li l-liwja in kwisjtoni hija ukoll interament fi Triq il-Barrani, Zejtun. / Ikkunsidrat illi r-reati kontemplati fl-ewwel tlett akkuzi bdew isehhu fil-mument li l-vettura harget b'sahha qawwija minn fuq il-lights in kwisjtoni (Triq il-Barrani, Zejtun) sal punt illi waqfet fuq il-lights li hemm hdejn in-nicca tal-Madonna, madwar ghoxrin metru 'l boghod, fi Triq il-Barrani Zejtun*";

5. Illi minkejja li l-appellant huwa korrett fl-esposizzjoni legali tieghu ma ghandux ragun kwantu l-fatti. Dan ghaliex, kif korrettament konkluz mill-ewwel Qorti li setghet tiehu *judicial notice* ta' fatti li huma fid-dominju pubbliku, l-incident sehh kollu kemm hu fi Triq Tal-Barrani. Huwa minnu li l-vettura tal-imputat kienet tinsab fi Triq Hal-Tarxien il-Gudja meta wieqfa fuq it-Traffic Lights izda appena kienet awtorizzata tipprocedi meta xeghel id-dawl ahdar, pass 'l quddiem mit-Traffic Light awtomatikament iqieghed lil dak li jkun fi Triq il-Barrani. Issa l-appellant ghamel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet il-Pulizija vs John Paul Azzopardi tat-30 ta' Novembru, 2017 fejn kienet milqugha eccezzjoni konsimili. Il-fatti ta' dak il-kaz, izda huma differenti minn dawk odjerni ghaliex hemm si tratta ta' incident li jinghad li sehh fi Triq il-Ferroviia, triq qasira u konfinata b'zewg inkorcji meta fil-fatt sehh fi Triq il-Kappillan Mifsud li hija triq principali konfinata *b'roundabout* li taghti ghal diversi toroq ohra. Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel aggravju qed ikun michud;

6. Illi fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jillanja s-sentenza appellata kwantu bazata fuq id-dikjarazzjoni tal-imputat moghtija lil-Pulizija meta dan ma kienx assistit legalment u meta ma inghata l-ebda kawzjoni. Ezaminati l-atti processwali jinghad minnufih u minghajr tlaqliq illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-aggravju. Ghalkemm hija lodevoli l-azzjoni li ha l-ufficcjal tal-pulizija li f'dak il-hin kien fil-vettura privata tieghu u ma felahx jippermetti li persuna taghmel dawk il-manuvri li sfortunatament naraw fit-toroq taghna minn persuni irresponsabbli u minghajr ebda konsiderazzjoni ghall-hajja tan-nies li jkunu qed juzaw it-toroq b'mod u ghal-raguni lecita, l-isforz tal-ufficcjal safa fix-xejn

meta ghadda f'idejn il-kollega tieghu li *ex admissis* jghid hekk wara li sar kuntatt ma' sid il-vettura in kwistjoni: "*Kif giet spjegata s-sitwazzjoni is-Sur Persico stqarr li dak il-hin hadlu l-vettura u kif waqaf peress li t-traffic lights kienu qalbu ahdar mal-ewwel ghalhekk kellu jkompli jsuq. Is-sur Persico gie infurmat li ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu ghall-Qorti. Mandix aktar xi nghid*". Il-Qorti mhix ser tinoltra fit-tul dwar din il-kwistjoni ghaliex huwa inkonfutabbli li l-imputat ma inghata ebda twissija wisq anqas d-dritt li jkun legalment assistit qabel ma kien mitkellem mill-pulizija. Din kienet krucjali ghall-kaz in dizamina ghaliex is-sewwieq tal-vettura ma kien identifikat minn ebda xhud u l-ewwel Qorti strahet fuq din l-istqarrija meta rriteniet hekk: "*Ikkunsidrat pero illi l-prosekuzzjoni kellha tipprova ukoll illi kien l-imputat il-persuna li effettivament kien qieghed isuq il-vettura in kwisjtoni. / Ikkunsidrat illi dan il-fatt ukoll gie sodisfacentement ippruvat billi fl-istqarrija tieghu l-imputat stess ammetta mal-pulizija (ossia' ma' PC104 K. Cefai) li kien hu li kien qed isuq il-vettura*";

7. Illi din hija mizura perikoluza bil-bosta ghaliex mhux biss tali stqarrija ittiehdet minghar il-protezzjoni li taghti l-ligi, talli kienet wahda verbali u rrapurtata mill-istess pulizija fl-affidavit tieghu minghajr ma jista' jsir ebda forma ta' kontroll dwarha. Il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn ticcita il-volum ta' sentenzi sia mill-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali in rigward u ma tistax ma tezaltax adezjoni mar-regoli dwar it-tehid ta' stqarrijiet kif sancit fil-Kodici Kriminali fl-investigazzjoni ta' reati;

8. Illi fis-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli Avukat rapprezentanti l-Avukat Generali jaqbel li jsibha difficli jaccetta sentenza bazata fuq stqarrija kif rappurtata f'affidavit minghajr ma tingieb prova taghha u tal-identita' tas-sewwieq. Il-Qorti tapprezza l-lejalta ta' dan l-ufficjal versu s-saltna tad-dritt fejn ir-regola ghandha tkun l-istess ghall-kullhadd;

9. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda htiega li jkun konsiderat it-tielet aggravju;

10. Konsegwentement, filwaqt illi tichad l-ewwel aggravju u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet aggravju, qed tilqa' l-ewwel aggravju u ghalhekk qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha ma sabitx htija fir-raba' imputazzjoni, thassarha f'dik il-parti li fiha sabet htija fl-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u fil-parti tal-piena, u minfok qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.